**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Jannar, 2016

Rikors Nru : 472/15 AL

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

**1.** Illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta' Settembru, 1995 (Dok. A);

**2.** Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, G u M ;

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta’ kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella (hawn anness u mmarkat Dok. B) datat disgha (9) ta’ Lulju tas-sena elfejn u disa` (2009);

4. Illi ma hemm ebda prospett raggonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi l-partijiet ilhom effettivament jghixu hajja separata ghal iktar minn sitt snin u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

**5.** Illi skont il-kuntratt tad-disgha (9) ta’ Lulju tas-sena elfejn u disa` (2009), il-partijiet, iddikjaraw li qed jirrinunzjaw vicendevolment ghal kull dritt u jedd li jitolbu l-manteniment minghand xulxin u minhabba li filwaqt li l-kura u l-kustodja ta’ G kienet giet affidata f’idejn l-omm u l-kura u l-kustodja ta’ M kienet giet fdata f’idejn il-missier ma kienx gie ffissat manteniment ghal minuri;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mill-ligi ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l- istess Qorti, joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess certifikat taz-zwieg fir-Registru Pubbliku

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat ir-rikors illi gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti ;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ Novembru, 2015 ;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta’ Lulju 2009;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.